27 ta' Frar, 1967.

**Imhallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Joseph John Edwards pro et. ne.

*versus*

Dr. Edwin G. Bonello ne.

**Appell — Qorti tal- — Separazzjoni Personali — Kustodja tat-Tfal.**

*Meta fis-sentenza appellata ta' separazzjoni personali ma jinghata ebda provvediment dwar il-kustodja tat-tfal li jhassar jew ibiddel provvedimenti moghtija f'sentenza qabel dik appellata, l-Qorti tal-Appell, fil-ġurisdizzjoni taghha ta' Qorti tal-appell minn sentenza partikolari ma jidhrilhiex li tista taghti provvedimenti, li fis-sostanza taghhom jvarjaw iddisposizzjonijiet li nghataw b'sentenza ohra li mhix quddiem il-Qorti.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Taghha r-Reġina li bih l-attur

wara li ppremetta illi l-konvenuta otteniet separazzjoni personali kontra tiegħu fuq ħtija tiegħu, b'sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Frar, 1961; f'liema sentenza, inter alia, huwa ġie kundannat iħallas lill-martu renta alimentarja ta' erba' liri fil-ġimgħa u ġew applikati id-disposizzjonijiet tal-artikolu 65 tal-Kodiċi Ċivili billi ġie *nominat kuratur għal* ċerti operazzjonijiet li tista' tagħmel *il-mara* tiegħu; u illi wara l-imsemmija sentenza martu (li kienet otteniet divorzju fl-Ingilterra) bdiet tgħix ma' raġel ieħor bħala miżżewġa *miegħu* u sussegwentement iżżewġet miegħu; u l-kondotta tagħha u l-aġir tagħha huwa adulterju; u illi l-konvenuta *amministrat* u ddisponiet *mill-beni* tagħha b'mod kuntrarju għad-direttivi u riservi inklusi fl-istess sentenza u għalhekk preġudizjevoli għall-interess tiegħu u tat-tfal; u fi kwalunkwe każ il-kondotta ta' martu wara s-sentenza ma għandhiex tħalli l-amministrazzjoni tal-beni tagħha f'idejha; u illi huwa ottiena d-debita awtorizzazzjoni (b'digriet *tat-18 ta' Jannar, 1964) mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-*Maestà tar-Reġina biex jistitwixxi kawża *ta' separazzjoni* kontra martu; talab illi a) tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u martu fuq il-ħtija (adulterju) ta' martu, u huwa jiġi awtorizzat jgħix separatament minn martu; b) jiġi deċiż li hemm lok għall-applikazzjoni u effettivament jiġu applikati, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili kontra martu; c) jiġi deċiż u dikjarat li, *tant in vista* tas-separazzjoni li tiġi mogħtija fuq l-ewwel domanda kemm imħabba l-ħajja adultera ta' martu wara l-imsemmija sentenza, martu tilfet u ddekadiet mid-dritt għar-retta alimentarja stabilita favur tagħha fl-imsemmija sentenza tat-22 ta' Frar, 1961; u d) l-Qorti (għar-raġunijiet imsemmija fit-talba preċedenti u mħabba l-inosservanza da *parti* ta' martu tal-kondizzjonijiet stabiliti fl-imsemmija sentenza u mħabba l-preġudizzju *tiegħu* u *ta' wliedu* mill-kondotta ta' martu) in esekuzjoni tal-poteri kontemplati fl-artikolu 65 (3) tal-Kodiċi Ċivili, tbiddel il-provvedimenti mogħtija fl-imsem-

mija sentenza tat-22 ta' Frar, 1961, u tagħti provvedimenti ġodda bilil tinnomina kuratur bl-ikbar poteri dwar l-amministrazzjoni u disposizzjoni tal-beni ta' martu. Bl-ispejjes — kompriżi dawk tal-proċeduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha eċċepixxa *illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt* u fid-dritt u dana għar-raġunijiet segwenti: 1) Il-konvenuta Josephine Anne Edwards hija stabilita l-Ingilterra fejn kienet otteniet divorzju mill-attur imħabba ħtijiet tiegħu. Hi reġgħet iżżewġet l-Ingilterra taħt il-liġijiet ta' dak il-pajjiż u skond il-liġi Ingliża ż-żwieġ tagħha huwa validu u ma hiex tgħix fi stat ta' adulterju mar-raġel presenti tagħha; 2) Illi ma hemmx lok għall-applikazjoni tal-artikolu 57 tal-liġi ċivili mitluba fit-tieni domanda, għax l-effetti ta' dana l-artikolu ġià ġew deċiżi fis-sentenza tat-22 ta' Frar, 1961 bejn il-kontendenti. 3) Illi ma huwiex veru li l-konvenuta Josephine Edwards tajret u nefqet flus bħal ma jallega l-attur għax id-dirivat tat-titoli li biegħet użathom għall-edukazzjoni u manteniment tat-tfal, għal pagament tad-dejn li kien sar matul il-kawża fuq riferita u spejjes legali li saru l-Ingilterra u Malta, u għal investiment ta' parti mid-derivat fi proprietà immobiljari hawn Malta li qegħda tirrendi bħala kera ħafna aktar milli kienu jirrendu t-titoli li ġew mibjugħa — għalhekk it-talbiet għandhom jiġu miċħuda.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ġunju, 1966 (1) li biha ddeċiediet billi 1) laqgħet l-ewwel talba 2) ddikjarat li hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 56 paragrafi a) b) d) imma mhux tal-paragrafu (c) tal-artikolu 56 u inqas

tal-artikolu 57 u f'dan is-sens ipprovdiet fuq it-tieni talba 3) laqgħet it-tielet talba u 4) laqgħet ir-raba talba fis-sens li ordnat illi l-beni kollha tal-konvenuta sakemm tingħata

ordni oħra mill-Qorti jiġu amministrati mill-kuratur tagħha attwali Dottor Edwin Bonello jew minn dak li l-quddiem għal kwalunkwe raġuni jkun sostitwit għalih, u għalhekk il-konvenuta ma tkunx tista tiddisponi minn ħwejjiġha jew tikkontratta mutwi jew fidejussjonijiet jew atti oħra onerusi mingħajr il-premess tal-Qorti: il-konvenuta però tkun tista liberament tinkassa imgħaxijiet, dividendi kupuni u kirjiet tal-proprietà tagħha direttament mingħajr l-intervent tal-kuratur. L-ispejjes a kariku tal-konvenuta wara li kkunsidrat —

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata billi —

(a) tiġi konfermata fejn laqgħet l-ewwel talba;

(b) dwar it-tieni talba tiġi konfermata fejn iddikjarat li hemm lok għall-applikazzjoni tal-paragrafi (a), (b), (d) ta' l-artikolu 56 u tiġi revokata fejn iddikjarat li ma hemmx lok għall-applikazzjoni ta' l-artikolu 57, billi jiġi dikjarat li għandu jiġi applikat kontra l-konvenuta anki l-artikolu 57 tal-Kodiċi Ċivili relativament għad-dotarju;

(c) tiġi konfermata fejn laqgħet it-tielet talba;

(d) dwar ir-raba talba tiġi riformata billi, oltre l-ordni li l-beni tal-konvenuta jiġu amministrati minn kuratur u

oltre l-ordni li l-konvenuta ma tkunx tista tiddisponi minn ħwejjiġha jew tikkontratta mutwi jew fidejjussjonijiet jew atti oħra onerużi, jiġi dikjarat li d-drittijiet ta' l-attur (derivanti mil-liġi bħala ir-raġel leġittimu tal-konvenuta) huma u ibqgħu integri u impreġudikati, u tingħata l-ordni espressa li l-attur għandu d-dritt kontinwu li jissorvelja u jikkontrolla il-konsistenza perjodika tal-beni ta' martu u li jiġi konsultat u mismugħ qabel ma tiġi trattata kull eventwali talba ta' martu dwar id-disponibiltà tal-beni tagħha jew dwar xi att ieħor onerus relativ għal din il-proprieta;

(e) jingħata l-provvediment xieraq dwar il-kura talminuri Barbara billi jiġi ordnat li din ma tkunx tista (mingħajr il-permess preventiv ta' l-attur) tinħareġ mill-Ingilterra u ma tkunx tista tinġieb a kuntatt hawn Malta ma nies ir-raġel ċivili tal-konvenuta, u tkun, hawn Malta, taħt il-kura legali ta' l-attur;

(f) tiġi konfermata fejn waħħlet li spejjes kollha lill-konvenuta;

Bl-ispejjes ta' dan l-appell wkoll kontra li stess konvenuta.

Rat ir-risposta ta' l-konvenuta li qalet illi l-appell ta' l-attur ma għandux jiġi milqugħ iżda riġettat bl-ispejjes kontra tiegħu.

Rat l-attijiet tal-kawża, semgħet lill-avukati u kkunsidrat —

In kwantu bis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti ġiet milqugħa l-ewwel talba ta' l-attur (issa appellant) u ġiet pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u l-appellata

għal ħtija tagħha (sopravenuta din il-ħtija għas-sentenza *preċedenti li biha kienet ukoll ġiet pronunzjata s-separazzjoni* personali għal ħtija ta' l-appellant) ma hemm ebda appell. L-appellata akkwietat ruħha għas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tant in kwantu laqgħet dak l-ewwel talba kemm in kwantu laqgħet jew ipprovdiet fuq *it-talbiet* l-oħra. Hi illimitat ruħha biss biex topponi l-appell ta' l-appellant żewġha u titlob ir-riġett tiegħu. Għalhekk il-kwistjoni taż-żwieġ ċivili ta' l-appellata kontratt l-Ingilterra, wara divorzju ottenut minnha kontra l-appellant f'dak il-pajjiż u tal-konsegwenzi ta' dak il-fatt m'humiex b'ebda *mod* quddiem din il-Qorti.

Kif ġa intqal l-appell sar biss da parti ta' l-attur u l-imenti tiegħu, jistgħu jingħadu li huma, in ġenerali, li l-ewwel Onorabbli Qorti ma applikatx biżżejjed komminazzjonijiet u restrizzjonijiet kontra l-appellata. *Hu xieraq li dawk l-*imenti jiġu eżaminati wieħed wieħed kif ġej hawn taħt —

L-ewwelnett l-appellant jidhirlu illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha mhux biss, kif għamlet, ittellef lill-appellata d-drittijiet u l-vantaġġi msemmija fil-paragrafi (a) (b) u (d) ta' l-artikolu 56 (1) tal-Kodiċi *Ċivili*, iżda messha *wkoll* tellfitha id-dritt għad-dotarju *kif* kontemplat fl-artikolu 57 ta' l-istess Kodiċi.

Kif jidher mill-verbal *reġistrat* fis-seduta tat-12 ta' Diċembru 1966, Dottor Edwin Bonello, għall-appellata, iddikjara li jaqbel illi l-appellata kellha tiddekadi wkoll middritt għad-dotarju li kwindi hu japprova t-talba ta' l-appellant għar-riforma tas-sentenza *appellata fis-sens li* jiġi applikat kontra l-appellata l-artikolu 57 rifferibbli għaddotarju.

Ġa la darba hemm din l-adesjoni da parti ta' l-appellata, l-ilment ta' l-appellant fuq dan il-punt għandu jiġi milqugħ; biss, għas-skans ta' kull ekwivoku, jiġi espressament dikjarat illi t-telf tad-dritt għad-dotarju da parti ta' l-appellata ma għandux jimporta f'dan il-każ ebda dritt fl-appellant illi jkollu l-użufrutt, ma tul il-ħajja ta' l-appellata, tad-dota li hi kienet ġiebet u li ġiet ordnata li tiġi restitwita lilha bis-saħħa ta' l-ewwel sentenza ta' separazzjoni.

Fil-petizzjoni ta' l-appell, l-appellant qal espressament illi d-dota ta' l-appellata ġiet restitwita lilha wara l-ewwel sentenza tas-separazzjoni, u hu mhux qed jitlob u qatt ma talab li jżomm l-użufrutt tad-dota; qed jitlob biss li l-appellata titlef il-jedd tagħha għad-dotarju. Id-dritt għall-użufrutt tad-dota ġie eskluż mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata fejn qalet: "Anqas ma jidhrilha l-Qorti fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija mil-liġi li tapplika d-dispost ta' l-artikolu 57 għal dak li jirrigwarda dota." L-ilment ta' l-appellant mela hu biss illi l-appellata messha ġiet dikjarata ukoll dekaduta mid-dritt tad-dotarju, u jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi dik ukoll kienet l-intenzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti; però, imbagħad, bi svista dik l-intenzjoni ma ġietx espressa fil-parti dispositiva tas-sentenza appellata.

It-tieni lment ta' l-appellant huwa illi, bid-disposizzjonijiet li tat l-ewwel Onorabbli Qorti għar-rigward tal-amministrazzjoni u alienazzjoni tal-beni ta' l-appellata, ma ġiex assigurat biżżejjed il-kontroll neċessarju u ma ġewx rispettati u assigurati biżżejjed il-jeddijiet tiegħu derivanti lilu mill-awtorità maritali. L-appellant issottometta illi l-kontroll fuq l-appellata għandu jkun mill-aktar strett u univokament ċar biex "kull possibilità ta' tentattiv ta' evasjoni da parti ta' (l-appellata) tiġi ermetikament eskluża." Inol-

tre — ikompli jgħid l-appellant — relativament għall-beni parafernali ta' l-appellata, l-awtorità maritali ta' l-appellant "għandha isehħ fl-interezza tagħha...bħalli kieku hu u l-(appellata) ma kienux legalment separati": Huwa loġiku għalhekk — l-appellant jissokta jgħid — "illi r-restrizzjonijiet magħmula (lill-appellata) dwar id-disponibilità tal-proprietà parafernali tagħha, jkunu magħmulin u enunċjati b'mod li juru kjarament u univokament illi d-drittijiet tiegħu (relativament għad-disponibilita tal-beni parafernali u għall-atti onerusi dwarhom) bħala r-raġel ta' l-appellata huma u għandhom jibqgħu integri u impreġudikati biex, speċjalment ikun żgurat li hu jkun f'posizzjoni kontinwa li jista jivviġila, jikkontrola u jinvestiga l-proprietà parafernali u jiġi mgħarraf minn qabel dwar kull idea ta' l-appellata li tagħmel xi att oneruż dwar il-proprietà tagħha b'mod li qabel ma l-appellata tkun tista ġġib quddiem il-Qorti xi talba dwar il-proprietà parafernali tagħha u qabel ma l-Qorti tikkunsidra u tiddeċiedi simili talba, hu ikun fil-posizzjoni li jkun jista jikkontesta kull talba li tagħmel martu u jkun jista jġib ir-raġunijiet tiegħu quddiem il-Qorti kontra kull talba ta' martu".

Il-Qorti irriportat hawn fuq il-kliem testwali ta' l-appellant fil-paragrafi tal-petizzjoni tiegħu, għax-xejn aħjar minn dak il-kliem ma jista juri l-irrealtà tal-pretensjoni ta' l-appellant. L-appellant irid, ma qagħadx lura milli jgħidu espressament, illi, għar-rigward tal-beni parafernali tagħha, l-appellata tkun assoġġettata kontinwament għall-awtorità u s-sindikat tiegħu, "bħallikieku ma kienux separati' bħallikieku l-awtorità maritali tiegħu ma ġietx mittiefsa, bħallikieku għandha tapplika bir-rigur kollu tagħha kontra l-mara l-liġi applikabbli f'ċirkostanzi għal kollox normali, bejn tnejn miżżewġin li jgħixu flimkien. Din hi pretensjoni li tidher għal kollox ġdida fl-appell għax mill-proċess ma jidhirx illi in

prim'istanza l-appellant qatt akkampa l-awtorità maritali.

Imma *l-Qorti*, — *mingħajr s'intendi, ma bl-ebda mod tikkondona jew tiskuża kwalunkwe żball li setgħa issa ġie kommess mill-appellata — ma tistax tinsa* jew tinjora l-fatt li kien, fl-ewwel lok, l-appellant li ta lok għas-separazzjoni personali bejnu u bejn martu għal ħtija ta' l-adulterju tiegħu f'ċirkostanzi li ġew stigmatizzata ġustament fis-sentenza tal-Qorti fl-ewwel kawża u li kienu indubbjament il-kawżi kollha ta' kull ma ġara wara. Issa skond il-liġi (art. 65) il-*mara* mifruda mir-raġel b'sentenza, fuq ħtija tiegħu, *normalment takkwista* l-kapaċita ġudizzjarja u l-kapaċita *li tamministra l-beni* parafernali, kif ukoll il-beni dotali restitwiti lilha, u *li tiddisponi* mill-beni parafernali **mingħajr ebda ħtieġa ta' l-awtorizzazzjoni jew il-kunsens tar-raġel:** biss il-Qorti tista, meta jidhrilha li jkun hemm raġuni tajba, taħtar kuratur għal mara f'dawk il-poteri li l-Qorti jidhrilha xierqa skond iċ-ċirkostanzi. Meta l-firda tkun bi ħtija tat-tnejn, kif issa ġara sostanzjalment fil-każ preżenti, huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tagħti jew ma tgħatix lill-mara dawk is-setgħat ta' amministrazzjoni u disposizzjoni; u jekk il-Qorti tagħżel li tatiha dawk is-setgħat il-Qorti tista, jekk ikun hemm raġuni tajba, taħtar kuratur għalihu kif issemma hawn fuq.

Dan hu dak li għamlet fil-każ preżenti l-ewwel Onorabbli Qorti: u din il-Qorti ċertament ma jidhriliex li hemm ebda raġuni għaliex l-appellata għandha tiġi assoġġettata għall-kontroll u s-sindakat riġidu u awtomatiku ta' l-appellant kif pretiż minnu. Jekk f'xi ċirkostanzi eċċezzjonali ta' xi att ta' disposizzjoni li dwaru l-appellanti titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, il-Qorti stess jidhrilha li jkun xieraq għal xi raġuni ġusta li jiġi anki konsultat l-appellant, m'hemm xejn li jimpedixxi lil Qorti fid-deskrizzjoni tagħha li hekk tordna.

In kwantu imbagħad l-appellant jinvoka l-interessi tat-tfal in sostenn tal-pretensjoni tiegħu, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax dak li jidher mill-proċess illi għal snin sa minn qabel din il-kawża l-appellant la ħaseb jew ipprovda għall-manteniment u l-edukazzjoni tat-tfal u kienet l-appellata li ħasbet u ħallset għalihom.

Fit-tielet lok l-appellant jitlob illi l-Qorti tagħti provvediment dwar il-kura tal-minuri Barbara biex "ma tkunx tista, mingħajr il-kunsens preventiv tiegħu, tinħareġ mill-Ingilterra u ma tkunx tista tinġieb in kuntatt, hawn Malta, ma nies ir-raġel tal-appellata, u tkun hawn Malta taħt il-kura legali tiegħu.

L-ewwelnett għandu jiġi osservat — kif l-appellant stess, biex donnu jiskuża ruħu, jistqarr fil-petizzjoni — illi fiċ-ċitazzjoni u milli jidher fil-kors kollu tal-kawża fi prim' istanza, l-appellant ma għamel ebda talba dwar il-kustodja tat-tfal, li bis-sentenza fl-ewwel kawża ta' separazzjoni kienet ġiet fdata f'idejn l-appellanti. Issa apparti milli mhux ċar kif il-Qorti tista tagħti provvediment li għandhom ikollhom effett fl-Ingilterra u li ma jistgħux kwindi jiġu għal bżonn, infurzati fis-setgħat li għandha l-Qorti; u apparti milli, sa fejn jidher l-appellant innifsu hu residenti permanentement l-Ingilterra u l-Qorti ma tarax kif tista tordna li t-tifla Barbara tkun taħt il-kura legali tiegħu, fl-eventwalità ipotetika li tiġi Malta u apparti li jidher mill-proċess illi hu ukoll għadu s'issa jgħix ma mara oħra f'dar waħda — il-fatt hu illi fis-sentenza appellata ma ingħata ebda provvediment dwar il-kura u kostodja ta' din it-tifla naturalment għaliex l-appellant innifsu kif intqal ma għamel ebda talba fir-rigwrd. Hu veru illi, skond il-liġi, il-Qorti tista, anki fin-nuqqas ta' talba mill-partijiet, tagħti provvediment dwar il-kustodja tat-tfal minuri, u tista' f'kull żmien tħassar jew

tbiddel l-ordni li tkun tat dwar it-tfal meta hekk jitlob il-ġid tagħhom; Iżda, ġaladarba, fis-sentenza appellata ma ingħata ebda provvediment li jħassar jew jvarja il-provvedimenti li kienu ingħataw fis-sentenza ta' l-ewwel kawża din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha ta' Qorti ta' l-Appell minn sentenza partikolari ma jidhriliex li tista tagħti provvedimenti li, fis-sostanza tagħhom jvarjaw id-disposizzjonijiet li ingħataw b'sentenza oħra li m'hix quddiem il-Qorti. Talvolta jmiss lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li, bis-saħħa tal-poter fuq imsemmi mogħti bl-artikolu 68 (3), tħassar jew tvarja l-provvedimenti mogħtijin bl-imsemmija sentenza ta' l-ewwel kawża jekk u sa fejn jista' jidhrilha li jkun il-każ.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi tiddikjara lill-appellata dekaduta wkoll mid-dritt għad-dotarju għat-termini tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u f'dan is-sens limitat biss tilqa l-appell li, għal kumplament kollu hu miċħud u s-sentenza appellata konfermata;

L-ispejjes ta' l-appell jitħallsu 9/10 mill-appellant u 1/10 mill-appellata.